**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Joanna Piscopo**

**vs**

**Simon Paul Cole**

**Distrett Zabbar**

**Illum 27 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat lil Simon Paul Cole, detentur tal-karta tal-identita' numru: 22601L:

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju, 2019 ghal habta ta' 19:40 hrs u fix-xhur ta' qabel, gewwa Triq il-Qawwara, Marsaskala:

1. Gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li ser jaghti fastidju lil Nadine Cutajar;

2. Ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra Nadine Cutajar jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew

dixxendenti tal-imsemmija persuna, ahwa subien, jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

3. Insulenta jew hedded lil Nadine Cutajar jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Nadine Cutajar jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Art 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' affidavit ta' WPC 379 S. Zammit, current incident report immarkat bhala Dok IC1, current incident report immarkat bhala Dok IC2, kopja ta' verbal datat 17 ta' Mejju, 2018 immarkat bhala Dok IC3.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Nadine Cutajar, Rena Cutajar u Innocent Cutajar.

Semghet ix-xhieda tal-imputata Simon Paul Cole liema xhieda kienet volontarja u fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**
Tat-tieni (2) akkuza ma ngabet l-ebda prova u ghalhekk l-Qorti ma tistax issib htija. Il-Qorti semghet ix-xhieda kollha u l-imputat izda mid-dokumenti ezebiti tara li hija ghandha taghti piz ghal dak li xehdu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u ghalhekk qed issib htija ghall-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni.

**Decide:**
**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A(1)(b), 251B(1), 339(1)(e) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat Simon Paul Cole hati tat-tieni (2) imputazzjoni stante li ma tirrizultax bhala akkuza, izda ssibu hat ital-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi stante li jirrizultaw u tpoggi lill-imputat taht garanzija**

**personali tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, milli jkellem jew javvicina kemm direttament u kemm indirettament lil Nadine Cutajar u l-genituri taghha ghal perjodu ta' sena millum taht penali ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300).**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**